# Legati Piji f'Ħal Kirkop - It-Tielet Parti

## *Arkivju Parrokkjali Kirkop, Vol. A427 - Legat Piju: il-Festi tal-Isem ta' Ġesù, l-Isem ta' Marija u ta' San Ġużepp*

**Horatio Caesar Roger Vella***

*Ninsabu fit-tielet minn sensiela ta' studji mill-aktar mirquma minn Profs Vella, li fost ix-xogħol imprezzabbli tiegħu fl-arkivji parrokkjali, qiegħed jippreżentalna tagħrif prezzjuż fuq il-Legati Piji f'Ħal Kirkop. Il-Profs Vella mhux biss qiegħed jagħmel ir-riċerka u jwasslilna dettalji li kieku jibqgħu mistura fl-arkivji, iżda qiegħed jagħmel xogħol fundamentali ta' tindif u ikkatalogar li jieħu ħafna ħin. Għandna tassew inkunu grati lejh u nirrikonoxxu din il-ħidma fejjieda.*

Din is-sena ser inkomplu fis-sensiela ta' artikli bbażati fuq manuskritt li jinsab fl-Arkivju Parrokkjali ta' Ħal Kirkop, li jien qiegħed innaddaf u ndaħħal fil-kompjuter u noħorġu bħala katalgu li għad irid jiġi ppubblikat. Dan il-manuskritt temporanjament iġib in-numru ta' A427. Dan il-volum jittratta fuq legati piji. S'issa tkellimna fuq il-knejjes ta' Santa Anastasja u Santa Marija ta' Pinu (l-ewwel parti), u l-Altar tal-Assunta ġewwa l-Knisja Parrokkjali (it-tieni parti). Illum ser nagħtu informazzjoni fuq legat imħolli minn Dun Dumink Ellul, minn Ħal Kirkop u li kien Kappillan ta' Ħal Balzan, biex isiru l-festi tal-Isem ta' Ġesù, l-Isem ta' Marija u dik ta' San Ġużepp.

**F.14**: *Tre festività Il Nome di Giesù al p[rim]o di Gennaro, il Nome di Maria nella Dom[eni]ca infra octava della Natività di N[ost]ra Sig[nor]a, e la \terz/a festa del Glorioso S[an] Gioseppe li 19 Marzo li d[ett]i tre festività con primi Vesperi, e Messe cantate l'asciati dal fù D[on] Dominico Hellul olim Paroco di Cas[ale] Balzan come in Atti del fù Not[ari]o Gio[vanni] Dominico Gatt li 3 Feb[rari]o 1684.*

"Tliet festi: L-Isem ta' Ġesù fl-ewwel ta' Jannar, l-Isem ta' Marija, fil-Ħadd fl-Ottava tat-Twelid tas-Sinjura Tagħna, u t-tielet il-festa tal-Glorjuż San Ġużepp fid-19 ta' Marzu, l-imsemmija tliet festi bl-Ewwel Għosrien u quddies kantat, imħollija mill-mibki Dun Duminku Ellul, fil-passat Kappillan ta' Ħal Balzan, kif (jidher) fl-Atti tal-mibki Nutar Ġwanni Duminku Gatt tat-3 ta' Frar, 1684."[1]

### Il-Legat

Fl-istess kuntratt tat-3 ta' Frar, 1684, Dun Dumink Ellul għamel donazzjoni lil Ġwanni Pawlu Ellul, Ġakbu Ellul u Marju Ellul, ħutu. Dan il-kuntratt hu miktub bil-Latin u huwa twil 19-il folju, u kopja tiegħu tinsab fl-Arkivju Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.[2]

Jingħad mill-ewwel li l-festi tal-Isem ta' Ġesù u l-Isem ta' Marija m'għadhomx jiġu ċċelebrati f'Ħal Kirkop. Dan irriżulta mill-fatt li l-flus jew il-proprjetà mħollija minn Dun Dumink Ellul kienu spiċċaw. Dan jixhduh dawn id-dokumenti li ġejjin:

Ġa fit-3 ta' Diċembru, 1712, 28 sena biss minn meta twaqqaf dan il-legat, beda jinħass li l-flus imħollija biex isiru dawn il-festi ma kienux biżżejjed. Hekk kitbu dakinhar lill-isqof Dun Indrì Ellul u Lazzru Ellul, prokuraturi tal-Veneranda Lampada tas-Santissimu Sagrament ta' Ħal Kirkop, f'ittra bit-Taljan ta' żewġ folji dwar għalqa "Ta' Ħabel Mula" mogħtija b'donazzjoni mill-Kappillan ta' Ħal Balzan, Dun Dumink Ellul, biex isiru dawn it-tliet festi kemm f'Ħal Kirkop u kemm f'Ħal Balzan.[3]

Ta' Ħabel Mula kienet strixxa ta' art fil-Gudja. Tissemma l-ewwel darba fis-16 ta' Jannar, 1503, fl-Atti tan-Nutar C. Canchur.[4] Mula huwa kunjom antik ħafna, u għadu jeżisti anke fl-inħawi taż-Żurrieq. Huwa wkoll isem ta' lokalità f'Ħaż-Żebbuġ.

L-istess għamel għaxar snin wara, fit-3 ta' Awwissu, 1722, Duminku Saliba, Prokuratur tal-istess Veneranda Lampada tas-Santissimu Sagrament ta' Ħal Kirkop dwar l-istess legati f'ittra miktuba bil-Latin fi tmien folji.[5]

L-istess għamlu 29 sena wara, fl-4 ta' Marzu, 1751, meta kitbu bit-Taljan f'erba' folji lill-isqof fuq l-istess problema Dun Indrì Ellul u l-Kjerku Lawrenz Chircop,[6] Prokuraturi tal-istess Veneranda Lampada tas-Santissimu Sagrament, dwar żewġ kuntratti ta' donazzjonijiet magħmula, wieħed fit-3 ta' Frar, 1684, u l-ieħor fil-21 ta' Jannar, 1691, minn Dun Dumink Ellul biex isiru festi fuq l-altar imwaqqaf fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan bl-isem tal-Isem Wisq Qaddis ta' Ġesù, l-Isem Wisq Imqaddes ta' Marija u t-transitu tal-Glorjuż u Patrijarka San Ġużepp, u oħra tal-istess f'Ħal Kirkop.[7]

Sena wara, fit-22 ta' Mejju, 1752, l-istess Kjerku Lawrenz Chircop, bin Ġwanni, minn Ħal Kirkop u li kien joqgħod f'Cospicua, għamel kuntratt miktub bil-Latin bħala eżekutur tal-legat Piju mħolli minn Dun Dumink Ellul, li fih kien qed iqabbel għalqa, probabilment dik ta' Ħabel Mula, lil Maruzju Psaila, bin Ġwanni, minn Ħal Kirkop.[8]

Fl-Arkivju tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, li jiena ġbart u ppubblikajt fi tliet volumi tliet snin ilu, insibu stqarrija magħmula bit-Taljan fl-1754 mill-Kanċillier tal-Kurja tal-Isqof dwar iż-żjara pastorali tal-Isqof Alpheran De Bussan fil-Knisja Parrokkjali ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop u donazzjonijiet li kienu saru minn Dun Duminku Ellul lill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop. Jissemmew ukoll Dun Indrì Ellul u l-Kjerku Lawrenz Chircop, Prokuraturi tal-Veneranda Lampada tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.[9]

Imbagħad, fis-seklu ta' wara, fis-16 ta' Diċembru, 1817, kiteb lill-isqof bit-Taljan f'sitt folji Franġisku Cassar, Prokuratur tal-Knisja ta' Ħal Kirkop,



***Attribwit lil Francesco Zahra, L-Isqof Paolo Alpheran de Bussan, żejt fuq tila, Palazz tal-Isqof, Valletta***

donatur tad-damask fil-parroċċa ta' Ħal Kirkop, biex jgħidlu li ma kienx hemm flus biżżejjed biex isiru l-imsemmija festi fiż-żewġ irħula, dak ta' Ħal Kirkop u dak ta' Ħal Balzan.[10]

Bejn l-1743 u l-1750, saru diversi talbiet bit-Taljan anke lis-Santa Sede dwar quddies imħolli mill-istess Dun Duminк Ellul biex jiġu ċċelebrati fuq l-imsemmi altar tal-ismijiet qaddisa ta' Ġesù u Marija fil-Knisja Parrokkjali, biex dawn jiġu maħfura minħabba nuqqas ta' fondi biżżejjed.[11]

Jidher li barra minn Ħabel Mula, Dun Dumink Ellul ħalla art oħra f'Ħal Kirkop, proprju fi Triq il-Kbira, bħala donazzjoni lill-Veneranda Lampada. Dan għamlu fl-istess kuntratt tat-3 ta' Frar, 1684. Fis-17 ta' Frar, 1960, il-Kappillan Dun Pawl Pace kien kiteb bit-Taljan lill-Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, dwar din il-proprjetà.[12]



*Lazzaro Pisani, Francesco Cassar, żejt fuq tila, Knisja tal-Lunzjata, Kirkop*



*L-Isqof Davide Cocco Palmieri, , żejt fuq tila, Palazz tal-Isqof, Mdina*

Sena wara li sar dak il-kuntratt, f'Ħal Kirkop seħħet il-Vista Pastorali mill-Isqof Cocco Palmieri. Fiha hemm riferenza għall-pittura titulari li saret bi flus l-istess Dun Dumink Ellul. Dak iż-żmien dik il-pittura kienet tirrappreżenta, flimkien ma' San Leonardu, wkoll lil San Ġwann Evanġelista u Sant' Anton Abbati. Iż-żieda ta' qaddisin ma' dak protettur jew prinċipali kienet issir peress li min ħareġ il-flus għaliha, f'dan il-każ Dun Dumink Ellul, kellu lil missieru u lil ommu jisimhom Ġwanni u Antonja (ara isfel). Dun Duminku Ellul jissemma f'din il-Vista Pastorali wkoll bħala benefattur tat-tabernaklu tal-injam, li kien sar proprju ftit qabel din il-Vista u li wara nbidel b'dak preżenti magħmul mill-irħam.[13] Nafu wkoll li Dun Dumink Ellul ħalla legat marbut mal-festa tal-Madonna tar-Rużarju.[14]

Il-Knisja għadha tiċċelebra dawn il-festi bħala biss tifkiriet. Dik tal-isem ta' Ġesù, mela, ma baqgħetx tiġi ċċelebrata fl-ewwel ta' Jannar: minflok, qegħdin, minn xi snin 'l hawn wara l-Konċilju Vatikan II, nagħmlu s-Solennità ta' Sidna Marija, Omm Alla. Minflok, dik il-festa qed tiġi ċċelebrata fit-3 ta' Jannar. Ma ssirx fit-2 ta' Jannar, l-għada ta' meta kienet issir qabel, peress li dakinhar il-Knisja tagħmel it-tifkira ta' San Bażilju l-Kbir u San Nażjanżenu, Isqfijiet u Dutturi tal-Knisja. It-tifkira tal-Isem tal-Imqaddsa Verġni Marija llum ssir fit-12 ta' Settembru,



Antonju Cassar-Grazzja
Luqa Pace-Katerina Gauci
Ġwanni Spiteri-Agata Zammit
Marjanu Ellul-
Ġwanni Mizzi-
Ġwanni Calleja-Duminka Axisa
Duminku Ellul-Marjetta Mizzi[37]
Benedittu Ellul-Mattja Saliba
Lawrenz Zammit-Ġulja Vassallo
Ġakbu Ellul-Katerina
Lazzru Ellul-Imperja Zammit[38]
Vinċenz Magro-Duminka Spiteri
Ġwanni Ellul-Antonja Ellul
Anġlu Ellul[39]
Bartilmew Magro-Lawrenza Calleja
**Dun Duminku Ellul**
Mattew Ellul-Domitilla Caruana
Ġlormu Mangion-Mattja Ellul
Ġwanni/Pawlu, Wistin, Ġakbu
Duminka, Ferdinanda Marija, Ġużeppi, Ġwanni Battista, Imperja,
Girgor Camenzuli-Grazzja Bugeja
Marju Ellul
Lazzru Ellul-Sapjenza Pace[40]
Paskal Camenzuli-Grazzja
Ġw. Pawlu-Bernarda Zammit[41]
Stiefnu Ellul[42]
Gabriel Ellul-Marjetta Magro
Domitilla Ellul[43]
Ġwanni Farrugia-Marjetta
Valerju Ellul-Agata Camenzuli
Duminku Ellul-Tereża Farrugia
Marija, Xmun[44] Salvu Zammit
**Dun Indri Ellul**
**Dun Gabriel Ellul**
Matteolu Ellul-Tereża Camenzuli
Duminku,[45] Gabriel, Gabriel, Gabriel, Gabriel, Grazzja,[46] Marija, Marija[47]
Lawrenz Zammit-Vittorja Ellul
Agata,[48] Ġovanna,[49]
Ġakbu, Ġlormu, Ġlormu, Ġwanni Pietru, Marju[50]
Ġwanni Pawlu, Gabriel, Grazzja, Grazzja, Ġużeppi, Ġwanni, Katerina, Marija, Sinforoża[51]
Grazzja, Marjetta,
Ġlormu Zahra-
Duminku Farrugia-Alfonsa
Natalju, Pawla[52]
Antonju Azzopardi-Marjetta
Pietru Pawlu Ellul-Marija Farrugia
Luqa Ellul-Vinċenza Azzopardi[53]
Ġuż. Ellul-Vennera Camenzuli
Mattew Mamo-
Ġenlika, Marju, Anġelika,[54]
Indrì Mamo-Katerina Ellul[55]
Lawrenz Ellul
Antonju, Katerina,[56] Klemenza,[57]
Antonju Zahra-Marija Ellul[58]
Paskal Spiteri-Vinċenza Ellul[59]
Madalena,[60] Marju,[61] Paskal,
Franġisku Gafa'-
Marjanu Mizzi-Franġiska
Anġlu,Paskal, Paskal,[62] Pawlina[63]
Salvu Ellul-Anġelika Mizzi[64]
Ġwanni Spiteri-Dianora
Ġw. Dum. Ellul-Andreana Gafa'[65]
Duminku Cassar-Antonella
Lawrenz Bezula-Grazzja
Ġorġ, Ġw. Marija,[66] Katerina[67]
Indrì, Katerina
Bartilmew Ellul-Grazzja
Leonardu, Luqa,[68] Marjetta
Luqa Ellul-Duminka Bezula[69]
Marju Ellul-Speranza Ellul[70]
Ġiljan Vella-Duminka
Ġw. Pawlu Ellul-Diana Spiteri[71]
Indrì Cassar-Ġovanna Ellul[72]
Paskal Cassar-Ġlorma Ellul[73]
Karlu Barbara-Marija Ellul[74]
Pietru Vella-Margerita Ellul[75]

erbat ijiem biss wara l-festa tat-twelid tagħha. Il-Knisja baqgħet tiċċelebra l-festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu; iżda f'Ħal Kirkop la jsiru Għosrien u lanqas quddies kantat kif imħolli minn Dun Dumink Ellul. Barra mill-fatt li l-flus kienu ġew fix-xejn, ġara li fil-passat kien sar trasferiment tal-festa mid-19 ta' Marzu bħala manifestazzjoni pubblika għax-xhur tas-sajf.

**Dun Dumink Ellul**
Ġa tkellimna fil-passat fuq dan il-qassis.[15]

Dun Dumink *sive* Ġwanni Duminku Ellul twieled f'Ħal Kirkop fit-12 ta' Lulju, 1632, u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali.[16] Missieru kien Ġwanni, avukat, bin Ġakbu u Katerina, minn Ħal Kirkop, li żżewweġ lil Antonja Ellul, bint Lazzru[17] u Imperja Zammit,[18] ukoll minn Ħal Kirkop, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-28 ta' Settembru, 1631.[19] Dun Dumink kellu ħutu, Ġwanni Pawlu, imwieled u mgħammed f'Ħal Kirkop fit-28 ta' Jannar, 1636, Wistin, imwieled u mgħammed f'Ħal Kirkop fis-7 ta' Marzu, 1641,[20] barra minn Ġakbu u Marju Ellul imsemmijin fuq fil-kuntratt tat-3 ta' Frar, 1684.

Missier Dun Dumink Ellul, Dottor Ġwanni Ellul, kien Kjerku. Huwa rċieva l-ewwel tonsura mill-Isqof Cagliares fil-31 ta' Mejju tal-1624 fil-Palazz (tal-Isqof) fil-Belt Valletta, u l-ewwel żewġ Ordnijiet Minuri fis-6 ta' Marzu, 1626, fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti (ġewwa l-Belt Valletta). Kien jilbes is-suttana l-qasira u jservi fil-knisja. Kien Duttur tal-Liġi u sid ta' razzett (*massaro*). Miegħu fil-parroċċa kien hemm Kjerku miżżewweġ ieħor, Ġwanni Marija Cassar.[21] Omm Dun Dumink Ellul, Antonja, mietet ta' età żgħira u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fis-17 ta' Awwissu, 1649.[22]

Dun Dumink Ellul kellu qassisin jiġu minnu, fosthom lil Dun Gabriel Ellul. Dan kien sekond kuġin tiegħu. Missier Dun Gabriel kien Duminku,[23] miżżewweġ lil Tereża Farrugia,[24] bin Gabriel, miżżewweġ lil Marjetta Magro,[25] bin Duminku, miżżewweġ lil Marjetta Mizzi,[26] waqt li Dun Dumink kien bin Ġwanni, miżżewweġ lil Antonja Ellul, bin Ġakbu,[27] miżżewweġ lil Katerina, bin l-istess Duminku u Marjetta Mizzi.

Qassis ieħor li wkoll kien sekond kuġin ta' Dun Duminku Ellul kien Dun Indrì Ellul. Dan għaliex missier Dun Indrì, Valerju, twieled minn Gabriel u Marjetta Magro f'Ħal Kirkop u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Kappillan t'hemmhekk, Dun Marju Mallia, fil-15 ta' Lulju, 1614,[28] waqt li Gabriel twieled minn Duminku u Marjetta Mizzi f'Ħal Kirkop u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Viċi-Kappillan, Dun Bartilmew Mangion fis-16 ta' Lulju, 1570;[29] min-naħa l-oħra, missier Dun Duminku, Ġwanni, twieled minn Ġakbu u Katerina,[30] waqt li Ġakbu twieled mill-istess Duminku u Marjetta Mizzi f'Ħal Kirkop u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Kappillan, Dun Bartilmew Mangion, fit-22 ta' Frar, 1579.[31] Din il-qrubija bejn Dun Duminku u Dun Indrì għenet biex Dun Duminku ħalla dak il-legat imsemmi fuq lil kuġinuh bħala Prokuratur tal-Veneranda Lampada, u lis-suċċessur tiegħu, Dun Lawrenz Chircop.

Dun Dumink Ellul kien iservi l-ewwel bħala Viċi-Kappillan f'Ħal Kirkop. Kien ukoll Viċi-Kappillan fil-parroċċa ta' Ħal Safi meta deher bħala parrinu f'magħmudija li seħħet fit-12 ta' Novembru, 1661.[32]

Dun Dumink fil-fatt kien it-tieni Kappillan ta' Ħal Balzan maħtur mill-Isqof Balaguer fl-1662. Huwa bena l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan, u miet fil-11 ta' Lulju, 1696, f'Ħal Balzan stess,[33] qabel ma spiċċa l-bini tal-knisja. Waqt li kien Kappillan ta' Ħal Balzan, Dun Dumink kellu jiddefendi ruħu kontra akkuża quddiem it-Tribunal tal-Inkwiżitur fl-1693, li hu ppromova devozzjoni bbażata fuq għidut li parruċċana tiegħu, Marija Borg, kellha rivelazzjonijiet mill-Madonna li kienet tiggarantixxi salvazzjoni fil-Ġenna għal min kien jgħid it-talba li kienet qed tqassam.[34] Qabel ma sar Kappillan ta' Ħal Balzan, huwa deher bħala xhud fiż-żwieġ li seħħ f'Ħal Kirkop fl-10 ta' April, 1655, bejn Tumas Vella, bin Mattew u Anġelika, minn Ħal Kirkop, u Katerina Cassar, bint Franġisku u Grazzja, ukoll minn Ħal Kirkop, kif ukoll fiż-żwieġ li seħħ f'Ħal Kirkop fit-12 ta' Jannar, 1659, bejn Ġwakkin Tonna, bin Anġlu u Inzjona, miż-Żurrieq, u Matteola Psaila, bint Marjanu u Marjetta, minn Ħal Kirkop.[35] Fl-istess sena, huwa applika biex ikun Kappillan ta' Ħal Kirkop wara li tneħħa minn dik il-pożizzjoni Dun Ġwanni Xmun Azzopardi, iżda kien intgħażel Dun Matteolu Stafrage minflok.[36]

Jien u l-mara tiegħi wkoll niġu minn Dun Dumink Ellul, kif ġej: Benedittu Ellul-Mattja (Kirkop), missier Lazzru Ellul-Imperja Zammit (Imqabba), missier Mattja Ellul-Ġlormu Mangion (Kirkop), missier Marija Mangion-Vinċenz Vella (Kirkop), missier Franġisku Vella-Katerina Schembri (Żejtun), missier Rużarja Vella-Indrì Ellul (Żejtun), missier Grazzja Ellul-Ġwanni Battista Bonnici (Żejtun), missier Katerina Bonnici-Wiġi Attard (Żejtun), missier Klement Attard-Katerina Caruana (Żejtun), missier Wiġi Attard-Eliżabbetta Cachia (Għaxaq), missier Marija Konċetta Attard-Ġwanni Battista Vella (Żejtun), missier Frank Vella-Tessie Bartolo (Sliema), missier Horatio Vella-Vivienne Caruana (Mdina), missier Jerome Vella: dan ifisser li jiena niġi fid-disa' ġenerazzjoni mill-prima kuġina (Marija Mangion) ta' Dun Dumink Ellul;

L-istess Lazzru Ellul-Imperja Zammit (Imqabba), missier Mattew Ellul-Domitilla Caruana (Luqa), missier Lazzru Ellul-Sapjenza Pace (Siġġiewi), missier Mattew Ellul-Tereża Camenzuli (Kirkop), missier Sapjenza Ellul-Indrì Dalli (Gudja), missier Marija Dalli-Indrì Barbara (Gudja), missier Saverja Barbara-Anġlu Galea (Gudja), missier Marija Galea-Stiefnu Muscat (Gudja), missier Anġla Muscat-Franġisku Chetcuti (Gudja), missier Marija Chetcuti-Feliċ Pace (Cospicua), missier Lawrenza Pace-Emanuel Grasso (Cospicua), missier Verġinja Grasso-Ġużeppi Consiglio (Tarxien), missier Mary Consiglio-Paolino Caruana (Żejtun), missier Vivienne Caruana-Horatio Vella (Mdina), missier Jerome Vella: dan ifisser li l-mara tiegħi hija fil-11-il ġenerazzjoni mill-prim kuġin (Mattew Ellul) ta' Dun Dumink Ellul.

**Referenzi**

1 Traduzzjoni tal-awtur.
2 H.C.R. Vella (2022), I3510 (numru temporanju).
3 H.C.R. Vella (2022), B510 (numru temporanju).
4 N.A.V. R. 140/1, f.167, f'G. Wettinger (2000), *s.v.* "Ħabel Mula".
5 H.C.R. Vella (2022), B508 (numru temporanju).
6 Fuq Dun Lawrenz Chircop ara H.C.R. Vella (2008), 262-266.
7 H.C.R. Vella (2022), B509 (numru temporanju).
8 H.C.R. Vella (2022) B442 (numru temporanju). L-Arkivju Parrokkjali għandu żewġ kopji, waħda minnhom ittajpjata.
9 H.C.R. Vella (2016a), di110.
10 H.C.R. Vella (2022), B511 (numru temporanju).
11 H.C.R. Vella (2022), B369 (numru temporanju).
12 H.C.R. Vella (2022), B446 (numru temporanju). Ara wkoll H.C.R. Vella (2016a), di110.
13 H.C.R. Vella (2016b), 146.

14 A.A.M. *Ven. Lampada* 22 (1752-1754), f.28.

15 H.C.R. Vella (2006b), H.C.R. Vella (2010), H.C.R. Vella (2016b), u H.C.R. Vella (2017).

16 H.C.R. Vella (2006a), 126. V. Borg (2015), 324, jgħid li l-magħmudija tiegħu mhix fir-reġistru ta' Ħal Kirkop. Imma l-indiċi li għamilt jien fl-2006 huwa kollu bbażat fuq ir-reġistri li għandha l-parroċċa mill-1592 sal-1840, u Dun Dumink Ellul huwa msemmi hemm tabilħaqq.

17 Lazzru Ellul, bin Benedittu u Mattja, kien armel ta' Valenzja Zammit, bint Mattew, mill-Gudja, li żżewwiġha fit-8 ta' Awwissu, 1603, fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ (H.C.R. Vella {2006a}, 13), u li minnha kellu tifel, Benedittu (H.C.R. Vella {2006}, 125). Hija mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-15 ta' Ġunju, 1605 (H.C.R. Vella {2006a}, 170). Huwa twieled f'Ħal Kirkop u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ fl-10 ta' Mejju, 1578 (H.C.R. Vella {2006a}, 58). Mastru Benedittu Ellul, missier Lazzru, miet u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-5 ta' Jannar, 1596, waqt li martu, Mattja, mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-28 ta' Marzu, 1615 (H.C.R. Vella {2006a}, 168 u 170).

18 Imperja Ellul mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-18 ta' Mejju, 1655 (H.C.R. Vella {2006a}, 169.

19 H.C.R. Vella (2006a), 96. Ir-reġistru tal-knisja, bi żball, jgħid li nannet Dun Dumink Ellul kienet Imperja flok Katerina. Dan qegħdin ngħiduh għaliex m'hemm ebda żwieġ f'Ħal Kirkop u mkien ieħor bejn Ġakbu Ellul u Imperja, waqt li ebda tfal ma ħarġu miż-żwieġ ta' bejn Ġakbu Ellul u Imperja, imma ta' bejn Ġakbu Ellul u Katerina. Ma nafux fejn iżżewġu dawn tal-aħħar, imma żgur li għixu u mietu f'Ħal Kirkop, Ġakbu fil-21 ta' Settembru, 1638, u Katerina fit 22 ta' Settembru, 1642 (H.C.R. Vella {2006a}, 169). Iż-żwieġ li seħħ fil-Gudja fl-10 ta' Awwissu, 1624, bejn Ġakbu Ellul u Katerina, koppja oħra bl-istess ismijiet, ma japplikax, għaliex Ġakbu u Katerina ta' Ħal Kirkop ġa kien beda jkollhom tfal mis-6 ta' April, 1610, l-ewwel wieħed ikun Ġwann Ġwakkin (H.C.R. Vella {2006},127).

20 H.C.R. Vella (2006a), 127 u 130. V. Borg (2015), 325, jgħid li Dun Dumink kellu ħuh qassis, Dun Ġwanni Marija Ellul. Dan ma jistax ikun, għax kieku kien ikun imniżżel fir-reġistru tal-magħmudijiet kif ukoll fir-reġistru tal-Ordnijiet Sagri fil-Kurja tal-Arċisqof ma' dawk li kienu jagħmlu ma' Ħal Kirkop.

21 A.K.A., *D.O.* 5 (1634-1661), ff.76, 202, 344, u 455v. Dan id-dokument jgħid li Ġwanni Ellul kellu ħamest itfal, u mhux erbgħa, kollha subien. Il-ħames seta' kien, skont Mons. Vinċenz Borg fin-nota ta' qabel, Dun Ġwanni Marija Ellul, imma dan jidher la fir-reġistru tal-parroċċa (u lanqas Ġakbu u Marju), u lanqas fl-istess dokument iċċitat hawn fejn jagħtina l-lista tal-kjerċi f'Ħal Kirkop.

22 H.C.R. Vella (2006a), 168.

23 Ħut Duminku Ellul, u għalhekk zijiet ta' Dun Gabriel Ellul, kienu jinkludu lil Vittorja Ellul (ommha Ġovanella, u għalhekk hi kienet *half-sister*), residenti f'Ħal Luqa, li żżewġet lil Lawrenz Zammit, bin Salvu, mill-Imqabba, fid-dar tal-mibki Ġakbu Psaila, iz-ziju tagħha, fid-19 ta' Awwissu, 1621. Iċ-Ċelebrant kien Dun Marju Mallia, Kappillan tal-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ, waqt li x-xhieda kienu Franġisku Mallia, Ġulju Zammit u Mattew Falzon (H.C.R. Vella {2006a}, 25), kif ukoll lil Valerju Ellul (ommu Marjetta u għalhekk *full brother*), imwieled f'Ħal Kirkop u mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ fil-15 ta' Lulju, 1614 (H.C.R. Vella {2006a}, 59-60), u miżżewweġ lil Agata Camenzuli, bint Girgor u Grazzja Bugeja, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Qormi fis-7 ta' Frar, 1655 (A.P.Q., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*), lil Marija, li tgħammdet f'Ħal Kirkop fil-11 ta' Awwissu, 1621 (H.C.R. Vella {2006a}, 129), u lil Xmun u Ġużeppi, tewmin, li tgħammdu f'Ħal Kirkop fis-27 ta' Ottubru, 1623 (H.C.R. Vella {2006a), 127 u 130). Dan tal-aħħar iżżewweġ lil Vennera Camenzuli, bint Girgor u Grazzja Bugeja, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Qormi fit-30 ta' Awwissu, 1658 (A.P.Q., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Din Vennera Camenzuli kienet oħt Agata, il-mara ta' Valerju Ellul, ħu l-istess Ġużeppi Ellul. Għalhekk, kienu miżżewġin aħwa lill-aħwa.

24 Duminku Ellul, bin Gabriel u Marjetta, iżżewweġ lil Tereża Farrugia, bint Ġwanni u Marjetta, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-20 ta' Frar, 1650 (H.C.R. Vella {2006a}, 96).

25 Gabriel Ellul twieled fis-16 ta' Lulju, 1570, u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Viċi-Kappillan Bartilmew Mangion. Il-parrini tiegħu kienu Marjanu Cassar, Pietru Saccone u Ġwanni Pawlu Zammit (H.C.R. Vella {2006a}, 57). Huwa żżewweġ lil Marjetta Magro, bint Vinċenz u Duminka Spiteri, fil-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba fit-18 ta' Jannar, 1604 (A.P.I., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Huwa kien armel ta' Ġovanella, minn Ħal Luqa (ara Antenati Consiglio, fuq), li kien iżżewwiġha fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ fis-27 ta' Awwissu, 1595, meta x-xhieda kienu Marjanu Camilleri, Pietru Grima u Nikola Ellul (H.C.R. Vella {2006a}, 13). Huwa kien parti minn delegazzjoni li ltaqgħet mal-Isqof Cagliares fid-9 ta' Jannar, 1630, biex titolbu jwaqqa' l-Knisja ta' San Ġakbu f'Ħal Kirkop peress li ma kinietx aktar ikkurata, u sabiex jittrasferixxi dak li kien hemm fiha f'kappella li kellha tinbena fil-Knisja Parrokkjali. Fil-fatt, ftit wara, l-Isqof ordna li jsir hekk, u li jinbena salib flok il-knisja bħala sinjal li hemm kien hemm post sagru, waqt li jitħalla

ċ-ċimiterju li kien hemm magħha (H.C.R. Vella {2000, 123). Marjetta Ellul, martu, mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-22 ta' Frar, 1662, wara li kienet ġa tilfet lil żewġha (H.C.R. Vella {2006a}, 170). Fil-fatt, Gabriel, żewġha, miet u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-23 ta' Ottubru, 1644 (H.C.R. Vella {2006a}, 169). Ħut Gabriel Ellul tgħammdu fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ hekk: Agata (7 ta' Frar, 1563), Luqa (25 ta' Frar, 1565), Ġwanni Pawlu (11 ta' Mejju, 1567), Ġovanna (3 ta' Mejju, 1568), Gabriel (16 ta' Lulju, 1570), Grazzja (21 ta' Diċembru, 1572), Ġwanni Pawlu ieħor (20 ta' Frar, 1575), Marjetta (15 ta' April, 1577), Ġakbu (22 ta' Frar, 1579), Natalju (27 ta' Diċembru, 1581), Pawla (15 ta' Jannar, 1584) u Grazzja oħra (7 ta' Ġunju, 1587) (H.C.R. Vellą {2006a}, 53-59). Ħut Marjetta Magro kienu jinkludu lil Bartilmew li żżewweġ lil Lawrenza Calleja, bint Ġwanni u Duminka Axisa, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi fid-19 ta' Ottubru, 1625 (A.P.Q., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

26 Marjetta Ellul mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fid-19 ta' Ottubru, 1608, wara li kienet ġa tilfet lil żewġha (H.C.R. Vella {2006a}, 170. Fil-fatt, żewġha, Mastru Duminku Ellul miet u ndifen f'Ħal Kirkop fil-5 ta' Novembru, 1606 (H.C.R. Vella {2006a}, 168).

27 Ġakbu Ellul twieled f'Ħal Kirkop fit-22 ta' Frar, 1579, u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ (H.C.R. Vella {2006a}, 55). Huwa miet u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-21 ta' Settembru, 1638 (H.C.R. Vella {2006a}, 169).

28 H.C.R. Vella (2006a), 59-60.

29 H.C.R. Vella (2006a), 57. Dawn Duminku Ellul u Marjetta Mizzi huma antenati ta' ibni Jerome kif ġej: Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Ħal Kirkop) > Francis Vella-Theresa Bartolo (Tas-Sliema) > Ġużeppi Bartolo-Marija Attard (Tas-Sliema) > Franġisku Saverju Attard-Tereża Vella (in-Naxxar) > Ġwanni Attard-Marija Attard (in-Naxxar) > Pietru Attard (missier Marija)-Roża Stivala (in-Naxxar) > Ġwanni Marija Attard-Duminka Vella (in-Naxxar) > Pietru Attard-Anna Bonnici (Ħaż-Żebbuġ) > Mikiel Bonnici-Marija Zahra (Ħaż-Żebbuġ) > Alessandru Bonnici-Roża Ellul (Ħal Kirkop) > Ġwanni Duminku Ellul-Elena (Ħal Kirkop) > Valerju Ellul-Agata Grech (Ħal Kirkop) > Gabriel Ellul-Marjetta Magro (l-Imqabba) > Duminku Ellul-Marjetta Mizzi (Ħal Kirkop).

30 H.C.R. Vella (2006a), 96. Katerina nġiebet bi żball bħala "Imperja".

31 H.C.R. Vella (2006a), 55.

32 H.C.R. Vella (2000), 117 u 118.

33 A. Ferres (1866), 511.

34 V. Borg (2015), 325.

35 H.C.R. Vella (2006a), 105-106.

36 V. Borg (2015), 570.

37 Duminku Ellul, bin Marjanu, iżżewweġ lil Marjetta Mizzi, bint Ġwanni, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun f'Awwissu, 1586 (A.P.Żejt., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

38 Lazzru Ellul, bin Benedittu u Mattja Saliba, twieled f'Ħal Kirkop u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Kappillan Dun Bartilmew Mangion fl-10 ta' Mejju, 1578 (H.C.R. Vella {2006}, 58). Huwa żżewweġ lil Imperja Zammit, bint Lawrenz u Ġulja Vassallo, fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta fil-31 ta' Awwissu, 1608 (A.P.M., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

39 Anġlu Ellul, bin Lazzru u Imperja Zammit, twieled u tgħammed f'Ħal Kirkop fit-23 ta' Jannar, 1632 (H.C.R. Vella {2006}, 125).

40 Lazzru Ellul, bin Matteolu u Domitilla Caruana, iżżewweġ lil Sapjenza Pace, bint Luqa u Katerina Gauci, fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi fit-13 ta' Lulju, 1669 (A.P.S., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

41 Ġwanni Pawlu Ellul, bin Duminku u Marjetta Mizzi, twieled f'Ħal Kirkop u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Viċi-Kappillan Dun Bartilmew Mangion fl-20 ta' Frar, 1575 (H.C.R. Vella {2006}, 57). Huwa żżewweġ lil Bernarda Zammit, bint Lawrenz u Ġulja Vassallo, fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta fis-26 ta' Jannar, 1603 (A.P.M., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

42 Imperja Ellul twieldet u tgħammdet f'Ħal Kirkop fid-19 ta' April, 1643; Stiefnu fis-26 ta' Diċembru, 1647; Duminka fid-9 ta' Marzu, 1653: hija mietet ta' 15-il sena fil-21 ta' Ġunju, 1668, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop; Ferdinanda Marija f'Ħal Kirkop fil-15 ta' Mejju, 1656; Ġwanni Battista fit-2 ta' Ottubru, 1659; Ġużeppi, fit-23 ta' Lulju, 1662: huwa miet ta' 8 snin fil-31 ta' Awwissu, 1669, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 126-130, 168-169).

43 Domitilla Ellul twieldet u tgħammdet f'Ħal Kirkop fl-20 ta' Frar, 1671 (H.C.R. Vella {2006}, 125). Hija mietet ta' 3 ijiem fl-24 ta' Frar, 1671, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 168).

44 Maria Ellul twieldet u tgħammdet f'Ħal Kirkop fil-11 ta' Awwissu, 1621; Xmun fis-27 ta' Ottubru, 1623 (H.C.R. Vella {2006}, 129-130).

[45] Duminku Ellul, bin Valerju u Agata Camenzuli, twieled u tgħammed f'Ħal Kirkop fid-19 ta' Frar, 1662 (H.C.R. Vella {2006}, 126). Huwa iżżewweġ lil Elena Sciriha, bint Ġakbu u Tereża De Rivas fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi fis-26 ta' Lulju, 1680 (A.P.Safi, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[46] Grazzja Ellul, bint Valerju u Agata Camenzuli, twieldet u tgħammdet f'Ħal Kirkop fil-25 ta' Diċembru, 1658 (H.C.R. Vella {2006}, 127). Hija iżżewġet lil Ġwanni Pawlu Vella, bin Tumas u Katerina, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-3 ta' Lulju, 1678 (H.C.R. Vella {2006}, 203).

[47] Gabriel Ellul twieled u tgħammed f'Ħal Kirkop fl-24 ta' Frar, 1656: huwa miet ta' 3 snin u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fis-27 ta' Novembru, 1659; Marija twieldet fl-24 ta' Frar, 1657; Grazzja fil-25 ta' Diċembru, 1658; Gabriel ieħor twieled fit-22 ta' Settembru, 1660, u tgħammed l-għada; Duminku fid-19 ta' Frar, 1662; Indrì fit-8 ta' Frar, 1665; Marija oħra fis-17 ta' Settembru, 1667: hija mietet ta' 4 snin u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-10 ta' Ottubru, 1671; Gabriel ieħor fis-16 ta' Jannar, 1669, u tgħammed l-għada: huwa miet ta' sitt xhur u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-13 ta' Settembru, 1669; Gabriel ieħor fis-27 ta' Frar, 1670: huwa miet ta' 7 snin fis-16 ta' Ottubru, 1677 u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 126-129, 169-170).

[48] Agata Ellul, bint Duminku u Marjetta Magro, twieldet f'Ħal Kirkop u tgħammdet fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Viċi-Kappillan Dun Bartilmew Mangion fis-7 ta' Frar, 1563 (H.C.R. Vella {2006}, 53). Hija iżżewġet lil Stiefnu Agius fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ fit-2 ta' Awwissu, 1583 (A.P.Bir., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[49] Ġovanna Ellul, bint Duminku u Marjetta Magro, iżżewġet lil Tumas Magro fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ fit-30 ta' Ottubru, 1588 (A.P.Bir., *Liber matrimoniorum, sub die matrimoniorum*).

[50] Marju Ellul twieled f'Ħal Kirkop u tgħammed f'Birmiftuħ fit-23 ta' Lulju, 1564; Ġlorma fl-24 ta' Awwissu, 1666 (mietet wara); Ġwanni Pietru fl-4 ta' Settembru, 1568; Ġakbu fis-6 ta' Mejju, 1576: huwa miet fit-18 ta' Frar, 1596, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop; u Ġlorma oħra fis-26 ta' Novembru, 1582 (H.C.R. Vella {2006}, 55-59, 169).

[51] Ġwanni Ellul twieled u tgħammed f'Ħal Kirkop fit-22 ta' Jannar, 1655; Katerina fit-3 ta' Jannar, 1658; Marija fit-6 ta' Awwissu, 1659 (li mietet wara); Pietru Pawlu fl-4 ta' Diċembru, 1661; Grazzja fis-27 ta' Marzu, 1664; Sinforiża fl-14 ta' Jannar, 1666; Marija oħra fit-2 ta' Frar, 1668; Ġużeppi fl-24 ta' Novembru, 1669, u mgħammed jumejn wara; Gabriel fl-14 ta' Ottubru, 1670, mgħammed fis-17 (H.C.R. Vella {2006}, 126-130).

[52] Agata Ellul twieldet f'Ħal Kirkop u tgħammdet f'Birmiftuħ fis-7 ta' Frar, 1563; Luqa fil-25 ta' Frar, 1565; Ġwanni Pawlu fil-11 ta' Mejju, 1567; Ġovanna fit-3 ta' Mejju, 1568; Gabriel fis-16 ta' Lulju, 1570; Grazzja fil-21 ta' Diċembru, 1572 (mietet wara); Ġwanni Pawlu ieħor fl-20 ta' Frar, 1575; Marjetta fil-15 ta' April, 1577; Ġakbu fit-22 ta' Frar, 1579; Natalja fis-27 ta' Diċembru, 1581; Pawla fil-15 ta' Jannar, 1584; u Grazzja oħra fis-7 ta' Ġunju, 1587 (H.C.R. Vella {2006}, 53-59).

[53] Luqa Ellul, bin Duminku u Marjetta Mizzi, iżżewweġ lil Vinċenza Azzopardi, bint Antonju u Marjetta, fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi fit-8 ta' Awwissu, 1590 (A.P.S., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Ulied Luqa Ellul u Vinċenza Azzopardi twieldu u tgħammdu f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop kif ġej: Ġwanni Duminku fis-27 ta' Diċembru, 1590, f'Birmiftuħ; Pawlina fis-26 ta' Jannar, 1592, f'Ħal Kirkop; Anġelika fil-15 ta' April, 1592, f'Ħal Kirkop; Marju fl-24 ta' Lulju, 1592, f'Birmiftuħ (miet wara); Ġenlika fil-15 ta' Diċembru, 1593, f'Birmiftuħ; Klemenza fis-19 ta' Ġunju, 1596, f'Ħal Kirkop; Salvu fis-17 ta' Lulju, 1597, f'Ħal Kirkop; Paskal fil-11 ta' April, 1599, f'Ħal Kirkop (miet wara); Katerina fil-31 ta' Lulju, 1600, f'Ħal Kirkop; Paskal ieħor fit-30 ta' Mejju, 1602, f'Ħal Kirkop (miet wara); Antonju fis-6 ta' Jannar, 1604, f'Ħal Kirkop; Marju ieħor fit-12 ta' Marzu, 1606, f'Ħal Kirkop; Madalena fit-22 ta' Lulju, 1608, f'Ħal Kirkop; Paskal ieħor fit-2 ta' April, 1610, f'Ħal Kirkop; Anġlu fis-6 ta' Lulju, 1613, f'Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 55-59, 125-130). Jidher li hawn jinsabu xi problemi peress li fl-1592 twieldu minn Luqa Ellul u Vinċenza Azzopardi tlett itfal: Pawlina, Anġelika u Marju. Pawlina u Anġelika t-tnejn baqgħu ħajjin u żżewġu, Pawlina li Duminku Farrugia mill-Qrendi, u Anġelika lil Antonju Micallef mill-Belt Valletta. Peress li kien hemm tnejn Marju, wieħed jassumi li l-ewwel wieħed miet, waqt li t-tieni kien dak li żżewweġ lil Franġiska Spiteri minn Għawdex; dan twieled fl-1606 u żżewweġ fl-1622. Anġelika żżewġet ta' 22 sena, waqt li Pawlina ta' 25 sena. Il-kawża ta' din il-problema mhix li kien hemm żewġ koppji bl-istess isem f'Ħal Kirkop, imma li d-dati tnizzlu ħażin.

[54] Anġelika Ellul, bint Luqa u Vinċenza Azzopardi, iżżewġet lil Antonju Micallef fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi fid-9 ta' Jannar, 1614 (A.P.S., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[55] Indrì Mamo, bin Mattew, iżżewweġ lil Katerina Ellul, bint Ġwanni Pawlu u Bernarda Zammit, fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi fit-22 ta' Jannar, 1619 (A.P.S., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[56] Katerina Ellul, bint Luqa u Vinċenza Azzopardi, iżżewġet lil Marju Anġlu Psaila, bin Marjanu, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-3 ta' Settembru, 1626 (H.C.R. Vella {2006}, 103).

[57] Klemenza Ellul, bint Luqa u Vinċenza Azzopardi, iżżewġet lil Matteolu Azzopardi, bin Ambroġju, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-2 ta' Ottubru, 1622 (H.C.R. Vella {2006}, 89).

[58] Antonju Zahra, bin Ġlormu, iżżewweġ lil Marija Ellul, bint Duminku u Tereża Farrugia, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-21 ta' Frar, 1681 (H.C.R. Vella {2006}, 204).

[59] Paskal Spiteri, bin Ġwanni u Agata Zammit, iżżewweġ lil Vinċenza Ellul, bint Benedittu u Mattja Saliba, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fis-26 ta' Jannar, 1597 (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[60] Madalena Ellul, bint Luqa u Vinċenza Azzopardi, iżżewġet lil Marku Saliba, bin Mattew u Enzjona, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-3 ta' Novembru, 1635 (H.C.R. Vella {2006}, 104).

[61] Marju Ellul, bin Luqa u Vinċenza Azzopardi, iżżewweġ lil Franġiska Spiteri, bint Ġużeppi u Beatriċe, fil-Knisja Matriċi tar-Rabat ta' Għawdex fl-20 ta' Novembru, 1622 (A.P.M.Għ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[62] Paskal Ellul, bin Luqa u Vinċenza Azzopardi, iżżewweġ lil Pawlina Borg, bint Ġorġ u Enzjona, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Qormi fl-24 ta' Novembru, 1635 (A.P.Qormi, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[63] Pawlina Ellul, bint Luqa u Vinċenza Azzopardi, iżżewġet lil Duminku Farrugia fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-15 ta' Awwissu, 1617 (H.C.R. Vella {2006}, 96).

[64] Salvu Ellul, bin Luqa u Vinċenza Azzopardi, iżżewweġ lil Anġelika Azzopardi, bint Marjanu u Franġiska, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq fit-23 ta' Ottubru, 1633 (A.P.Żur, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[65] Ġwanni Duminku *sive* Duminku Ellul, bin Luqa u Vinċenza Azzopardi, iżżewweġ lil Andreana Gafa', bint Franġisku, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-3 ta' Novembru, 1619 (H.C.R. Vella {2006}, 96). Ulied Ġwanni Duminku Ellul u Andreana Gafa' tgħammdu f'Ħal Kirkop kif ġej: Marjetta fit-12 ta' Settembru, 1620 (mietet wara); Leonardu fis-7 ta' Novembru, 1621; Marjetta oħra fil-5 ta' Frar, 1623; Katerina fl-4 ta' Ġunju, 1625; Luqa fil-15 ta' Awwissu, 1628; Ġorġ fl-24 ta' Ottubru, 1630; Ġwanni Marija fit-12 ta' Ottubru, 1631, u Margerita fl-20 ta' Lulju, 1634 (H.C.R. Vella {2006}, 126-129).

[66] Ġwanni Marija Ellul, bin Duminku u Andreana Gafa', iżżewweġ lil Natalizja Scumbulo, bint Teodoru u Marija, fil-Knisja Parrokkjali ta' Senglea fit-8 ta' Frar, 1660 (A.P.Senglea, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[67] Katerina Ellul, bint Duminku u Andreana Gafa', iżżewġet lil Bartilmew Mamo, bin Duminku u Marjetta Scicluna, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fid-29 ta' Jannar, 1645 (H.C.R. Vella {2006}, 102).

[68] Luqa Ellul, bin Duminku u Andreana Gafa', iżżewweġ lil Grazzja Borg, bint Paskal u Marija, fil-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara fl-24 ta' April, 1659 (A.P.B., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[69] Luqa Ellul, bin Salvu u Anġelika Mizzi, iżżewweġ lil Duminka Bezula, bint Lawrenz u Grazzja, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun fis-17 ta' Jannar, 1682 (A.P.Żejt., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[70] Marju Ellul, bin Salvu u Anġelika Mizzi, iżżewweġ lil Speranza Ellul, bint Bartilmew u Grazzja, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq fis-16 ta' Settembru, 1685 (A.P.Żur., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[71] Ġwanni Pawlu Ellul, bin Salvu u Anġelika Mizzi, iżżewweġ lil Diana Spiteri, bint Ġwanni u Dianora, fil-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi fit-22 ta' Ġunju, 1670 (A.P. Qrendi, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[72] Indrì Cassar, bin Antonju u Grazzja, iżżewweġ lil Ġovanna Ellul, bint Lazzru u Imperja Zammit, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-1 ta' Settembru, 1636 (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[73] Paskal Cassar, bin Duminku u Antonella, iżżewweġ lil Ġlorma Ellul, bint Lazzru u Imperja Zammit, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-21 ta' Ġunju, 1649 (H.C.R. Vella {2006}, 94).

[74] Karlu Barbara żżewweġ lil Marija Ellul, bint Ġwanni Duminku *sive* Duminku u Andreana Gafa', fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-8 ta' Ġunju, 1642 (H.C.R. Vella {2006}, 89).

[75] Pietru Vella, bin Ġiljan u Duminka, iżżewweġ lil Margerita Ellul, bint Duminku u Andreana Gafa', fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-2 ta' Marzu, 1658 (H.C.R. Vella {2006}, 105-106).

## Bibjografija


A.A.M. *Veneranda Lampada* 22 (1752-1754).

A.K.A., *D.O.* 5 (1634-1661).

A.P.B[irkirkara], *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

A.P.Bir[miftuħ], *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

A.P.I[mqabba], *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

A.P.K[irkop], *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

A.P.M[atriċi] Għ[awdex], *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

A.P.M[osta], *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

A.P.Qormi, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

A.P.Qrendi, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

A.P.Safi, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
A.P.Senglea, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
A.P.S[iġġiewi], *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
A.P.Żejt[un], *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
A.P.Żur[rieq], *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
Borg, V. 2015. *Melita sacra III. The Maltese Diocese during the seventeenth century*. Malta, Gutenberg Press Ltd.
Ferres, A. 1866. *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*. Malta.
Vella, H.C.R. 2000. *L-ewwel reġistru tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop. 1592-1679*. F'H.C.R. Vella ed., Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru, vol. I, Imsida, Università ta' Malta, 48-141.
Vella, H.C.R. 2006a. *Indiċi ta' ismijiet ta' nies minn Ħal Kirkop li jinsabu mniżżla fir-reġistri taż-żwiġijiet, magħmudijiet u mwiet f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop mill-1550 sal-1840*.
Vella, H.C.R. 2006b. "It-tielet ċentinarju mit-tkabbir u l-bini mill-ġdid tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Ħal Kirkop (1706-2006)", *Għaqda Mużikali San Leonardu – Kirkop Festa 2006*, 139-147.
Vella, H.C.R. 2008. Żewġ iskrizzjonijiet antiki f'Ħal Kirkop 1726 / 1754. F'H.C.R. Vella ed., Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru, vol. II, Kirkop, Kunsill Lokali, 260-266.
Vella, H.C.R. 2010. "Ħal Kirkop fl-Arkivju tal-Kolleġġjata Bażilka ta' Birkirkara", *Għaqda Mużikali San Leonardu A.D. 1858 – Ħal Kirkop, Festa San Leonardu 2010*, 111-127.
Vella, H.C.R. 2016a. *Katalgu tal-Arkivju tal-Knisja Bażilka Kolleġġjata ta' Sant' Elena Imperatriċi ta' Birkirkara*. Vol. I, II u III. Birkirkara, Kapitlu tal-Kolleġġjata.
Vella, H.C.R. 2016b. "Il-vista pastorali li l-Isqof Cocco Palmieri għamel f'Ħal Kirkop fit-3 ta' Mejju, 1685 fi żmien il-Kappillan Dun Duminku Farrugia", *Festa San Ġużepp, Ħal Kirkop,* 138-150.
Vella, H.C.R. 2017. "Legati piji f'Ħal Kirkop. L-ewwel Parti", *Festa San Leonardu, Ħal Kirkop* 109-137.
Vella, H.C.R. 2018. "Legati Piji f'Ħal Kirkop – it-tieni parti", *Festa San Leonardu,* Ħal Kirkop, 159-177.
Vella, H.C.R. 2022. *Katalgu tal-Arkivju Parrokkjali ta' Ħal Kirkop* (Xogħol għadu għaddej).
Wettinger, G. 2000. *Place-names of the Maltese Islands ca. 1300-1800*. San Ġwann, Malta, Publishers Enterprises Group (P.E.G.).